**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 39/2020 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: 23 ta' Marzu 2020

Ħin: 17:30

Post: ONLINE

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |
| **Sinj. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Chris Cassar** | Viċi Sinsku | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sra Daviva Sammut Hili** | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Sindku | Kunsill Lokali Isla | PREŻENTI |
| **Sur Wayne Aquilina** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Josef Azzopardi** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | PREŻENTI |
| **Sur Steven Grech** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Neville Camilleri** | Kunsillier | Kunsill Lokali Paola | PREŻENTI |
| **Sur Joseph Abela Galea** | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | ASSENTI |
| **Sur Ray Azzopardi** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Valletta | PREZENTI |
| **Sur Neil Attard** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | PREŻENTI |
| **Sur Jorge Grech** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | PREZENTI |
| **Sinj. Doris Abela** | Sindku | Kunsill Lokali Zejtun | PREŻENTI |
| **Sna Antonella Galea** | Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |

## AĠENDA

39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

39.3 Komunikazzjoni mill-President;

39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

39.5 Rapporti

39.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 102/2020;

39.7 Mozzjonijiet;

39.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**

**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**39.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia** Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali Xlokk li ħadd mill-membri ma kienu bgħatu notifika sabiex ikunu skużati għal din il-laqgħa.

**39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** Iffirmar Minuti

i. Il-President Paul Farrugia staqsa jekk l-Minuti numru 37/2019 Unaudited Financial Statements għas-sena 2019 u Minuti 38/2019 setawx jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill Reġjonali Xlokk.

**i.i** Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-Minuti hekk kif ippreżentati. Għaldaqstant il-Minuti 37/2019 Unaudited Financial Statements għas-sena 2019 u Minuti 38/2019 ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**39.3 Komunikazzjoni mill-President**

**i.** Il-President nforma lis-Sinjuri membri li permezz ta' DIRETTIVA 2/2020 CORONA VIRUS (COVID-19) maħruġa mid-DLG kien indikat li l-laqgħat tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali setgħu jsiru online sabiex b'hekk ikun evitat li jinġemgħu ammont ta' nies f'daqqa ġewwa l-uffiċċju. Fl-istess Direttiva kien indikat li għalkemm l-Ordni Permanenti 5 tistipula l-ordni tax-xogħol fil-laqgħat, fid-dawl taċ-ċirkustanzi preżenti u sabiex il-laqgħa kemm jista' jkun ma tieħux fit-tul, ma kienx ser jibqa mandatorju li tiġi segwita tali ordni iżda kien importanti illi jiġu diskussi dawk il-materji ta' natura urġenti jew essenzjali bħalma huma l-iskedi ta' pagamenti.

**i.i.** **<u>MOZZJONI 01/39/2020</u>**
F'dan ir-rigward il-President Paul Farrugia ppropona u s-Sindku Clive Pulis issekonda li l-laqgħa tar-Reġjun Xlokk 39/2020 titmexxa online u li l-Agenda tiġi sospiża mill-ordni tagħha filwaqt li tiġi diskussa u mressqa għall-approvazzjoni tas-Sinjuri Membri l-iskeda ta' Pagamenti Nru02/2020.

**i.ii.** Saret diskussjoni mis-Sinjuri Membri u unanimament ġie maqbul u approvat hekk kif propost f'Mozzjoni 01/39/2020.

**39.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru.102/2020**

**i.** L-Iskeda tal-Pagamenti 102/2020 ġiet approvata u ġiet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kunsill Reġjonali Xlokk, mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**ii.** Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**39.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fi 18:15hrs.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar l-Erbgħa 29 ta' April 2020.

*(IFFIRMATA)*
***Kav. Paul Farrugia***
***President***

*(IFFIRMATA)*
***Antonella Galea***
***Segretarju Eżekuttiv***